**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Marzu 2018**

**Kawza Nru. 9**
**Rik. Nru 135/2017JZM**

**HSBC Bank Malta p.l.c (C3177)**

***kontra***

**Majoeddin sive Magdy Ayad (27234A)**
**u Stefania Ajad (292679M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fl-14 ta` Frar 2017 li jaqra :–

*Illi permezz tal-kuntratt ta` kostituzzjoni ta` depitu fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa datat 13 ta` Lulju 2010 (Dok HSBC "1") u rez ezekuttiv permess ta` ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 256 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta (Dok "B") u notifika lill-intimati fil-15 ta` Frar 2013 u 16 ta` Frar 2013 rispettivament Majoeddin u Stefania Ajad ikkostitwew ruhhom bhala debituri tas-socjeta` rikorrenti;*

*Illi wara li saru diversi pagamenti, l-intimati baqghu debituri tar-rikorrenti u ghaddew izjed minn hames snin mid-data ta` l-istess kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu u issa s-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c qieghda titlob l-awtorizazzjoni skond l-Artikolu 258 ta` l-istess kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta` Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu kontra l-konjugi Majoeddin u Stefania Ajad ghal-bilanc li ghadu dovut;*

*Ghalhekk is-socjeta` rikorrenti previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tghaddi ghall-eskluzzjoni tal-istess titolu ezekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn hames snin mid-data ta` l-istess kuntratt u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta minn fejn jirrizulta li r-rikorrent ghandu: "jikkonferma bil-gurament x-xorta tad-dejn … li jkun l-eskluzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat ir-risposta pprezentata fit-22 ta` Mejju 2017 li taqra :–

*Illi l-esponenti jopponu ghat-talba billi preliminarjament jissottomettu li r-rikors pprezentat, minkejja li jindika li sar bil-gurament tal-PL Catherine Feench, mill-att stess jidher nieqes prova ta` dan il-gurament ;*

*Illi ai termini ta` l-att tat-13 ta` Lulju 2010 precizament l-ahhar paragrafu tat-tieni faccata l-ammont accettat bhala veru cert u likwidu kellu jsir dovut meta dan jintalab. Jirrizulta li, apparti l-ittra ufficjali ai termini tal-artiklu 256(2), li giet prezentata sabiex dak dovut skont l-att jigi ezegwibbli skont il-ligi, ma ntbaghtet ebda ittra ohra qabilha li permezz taghha jirrendi l-ammont dovut u b`hekk l-esponenti jissottomettu li l-ittra ufficjali hija intempestiva u ma tista` qatt tirrendi ezegwibbli dak li fil-fatt skont l-att tat-13 ta` Lulju 2010 ghadu mhux dovut ;*

*Illi jinghad ukoll bla pregudizzju ghal dak fuq espost li l-ammont originalment mitlub m`ghadux kollu dovut billi saru diversi hlasijiet ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti fic-cirkostanzi u ghar-ragunijiet imsemmija jissottomettu li t-talba attrici kif dedotta ghandha tigi michuda.*

Rat id-dokument CM1 li pprezenta l-bank rikorrent fl-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2017 (a fol 22).

Rat illi fl-istess udjenza, kienet infurmata li l-intimati kienu hallsu akkont ta` €18,500.

Rat it-tliet ittri ufficjali markati flimkien bhala Dok A li pprezenta l-bank rikorrent fl-udjenza tat-30 ta` Ottubru 2017.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta` Frar 2018 il-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti.

Rat illi fl-istess udjenza r-rikors thalla ghall-provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

## II. Dritt

Skont l-**Art 253(b) tal-Kap.12**, *huma titoli esekuttivi … l-kuntratti rcevuti minn nutar pubbliku ta` Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f`esekuzzjoni ta` fatt.*

Skont l-**Art 256(2) tal-Kap.12,** *l-esekuzzjoni ta` kull titolu esekuttiv iehor* (mhux sentenza) *ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta` sejha ghall-hlas maghmula b`att gudizzjarju.*

Skont l-**Art 258(c) tal-Kap.12,** *wara … l-gheluq ta` hames snin minn dak in-nhar li fih skont il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) … tal-artikolu 253 … seta` gie esegwit, l-esekuzzjoni tista` ssir biss wara talba maghmula b`rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut.*

## III. Konsiderazzjonijiet

It-titolu ezekuttiv mertu ta` dan il-procediment huwa kuntratt pubbliku ta` kostituzzjoni ta` debitu tat-13 ta` Lulju 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa (Dok HSBC1) fejn l-intimati huma d-debituri tal-bank rikorrent.

Fit-12 ta` Frar 2013, il-bank rikorrent ipprezenta ittra ufficjali kontra l-intimati sabiex jirrendi ezegwibbli dak il-kuntratt (fol 6 et seq). L-intimati kienu notifikati, ghaddew il-jumejn skont l-Art 256(2) tal-Kap 12, u l-intimati baqghu ghas-sejha tal-hlas tal-ammont indikat fl-ittra ufficjali.

Billi ghaddew hames snin mid-data tal-kuntratt, il-bank rikorrent ma setax ighaddi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv, u ghalhekk mexxa bir-rikors odjern, li kien debitament ikkonfermat bil-gurament skont il-ligi mill-P.L. Catherine Fenech, rapprezentant tal-bank (ara tergo ta` fol 1).

In kwantu ghall-eccezzjonijiet illi ressqu l-intimati, il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta` April 2002 fil-kawza "**HSBC Bank Malta plc vs John Dalli et**" fejn inghad hekk :-

*" … l-uniku ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u tacc erta ruhha dwar l-esistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kanonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skont l-istess artikolu, lanqas in-notifka lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smigh."*

**Ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni, il-Qorti tqis li din hija nsostenibbli u ghalhekk sejra tkun michuda.**

Fil-fatt mill-atti jirrizulta li r-rikors kien ikkonfermat bil-gurament mir-rapprezentant tal-bank ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**Riferibbilment ghall-eccezzjonijiet l-ohra, dawn sejrin jigu respinti wkoll**.

L-eccezzjonijiet in kwistjoni jinvolvu kwistjonijiet ta` mertu li johorgu ghal kollox barra mill-parametri ta` procediment ta` din ix-xorta.

Kif inghad fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Ottubru 1988 fil-kawza "**Emmanuele Falzon pro et noe vs Joseph Vella**" li kieku l-Qorti kellha taccetta li l-intimati jithallew iqajjmu eccezzjonijiet fil-mertu, tkun qeghda tiftah il-bieb ghall-abbuz tas-sistema gudizzjarja fis-sens li l-intimati jkunu qeghdin jinghataw l-opportunita` li jtawwlu procediment li ma kienx intiz mil-legislatur biex ikun ikkontestat b`eccezzjonijiet dwar mertu.

**Bil-kontenut tar-rikors (debitament konfermat bil-gurament) u fuq l-iskorta tad-dokumenti li pprezenta l-bank rikorrent fil-kors tas-smigh tar-rikors, il-Qorti hija sodisfatta li l-bank rikorrent ghamel il-prova li trid il-ligi ghall-fini ta` procediment ta` din ix-xorta. Ladarba ghaddew il-hames snin, ladarba kienet prezentata l-ahjar prova kostitwita mill-kuntratt de quo bhala konferma tax-xorta tad-dejn jew tat-talba, ladarba hemm il-konferma bil-gurament illi d-dejn ghadu mhux kollu mhallas – fatti li rrizultaw kollha – allura t-talba tal-bank sejra tkun milqugha stante li dan il-procediment jittratta dwar l-ezegwibilita` tat-titolu esekuttiv.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt illi qeghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, qeghda tilqa` t-talba tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta, u ghalhekk qeghda tirrendi ezegwibbli l-kuntratt ta` bejn il-partijiet tat-13 ta` Lulju 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa (Dok HSBC1 a fol 2 sa 5 tal-process). Tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**